MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 570/2001/1

**Alex Saliba**

**v.**

**Avukat Generali ghall-Gvern ta' Malta u b'digriet tat-23 ta' Mejju, 2002 l-HSBC Bank Malta p.l.c gie awtorizzat jintervjeni *'in statu et terminis'***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Alex Saliba, minnu pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April 2001 li jaqra hekk:

"Illi kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali (Dokument "A" anness) tat-8 ta' Jannar, 2001, l-esponenti flimkien ma' ko-akkużati oħra, fuq ammissjoni ġie misjub ħati tal-akkużi dedotti kontrih, reati kontemplati fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101, ġie kkundannat piena karċerarja u pekunjarja, u inoltre l-Qorti ordnat il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

"Illi apparti l-oġġetti esebiti, konfiskati bl-istess sentenza, oġġetti oħra proprjeta` tal-imputati nqabdu b'sekwestru ġenerali bl-istess proċeduri kriminali.

"Illi fost dawn l-oġġetti hemm il-karozza Opel Astra TDI-700, li hi proprjeta` tal-esponenti u in fatti xtraha bid-dejn u l-parti 'l kbira mill-prezz għadu ma tħallasx.

"Illi dina l-vettura ma nxtratx bi profitt jew dħul mir-rikavat ta' għemil doluż ta' xi reati taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101.

"Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett, li in vista tal-premess, dina l-Qorti jogħġobha;

"1. tiddikjara li l-karozza fuq imsemmija, Opel Astra TDI-700, maqbuda b'sekwestru ġenerali fil-proċeduri kriminali fuq imsemmija, hi proprjeta` tal-esponenti u ma nxtratx bi profitt jew dħul mir-reati kontemplati fil-Kap. 101;

"2. konsegwentement tordna r-revoka ta' l-ordni mis-sekwestru ġenerali li bih nqabdet l-imsemmija vettura; u

"3. tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun biex l-esponenti jerġa' jiġi formalment rikonoxxut l-leġittimu proprjetarju.

"Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-intimat (fol. 10) li in forza taghha eccepixxa illi;

“Illi r-rikors promotur jikkontjeni ħafna allegazzjonijiet rigward il-provenjenza tal-flus li bihom allegatament ir-rikorrenti xtara l-proprjeta` konfiskata.

“Iżda dawn jibqgħu biss allegazzjonijiet in kwantu mentri l-liġi tipprovdi li r-rikorrenti għandu b’sostenn tat-talba tiegħu jehmeż mar-rikors id-dokumenti kollha produċibbli u għandu jagħti l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun fi ħsiebu jġib u jgħid dwar kull wieħed il-prova li jkunu bi ħsiebu jagħmel, minn dan kollu r-rikorrent m’għamel xejn.

“Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti in kwantu l-oġġetti kollha konfiskati in forza tas-sentenza msemmija nxtraw minn profitti jew dħul mill-għemil ta’ reat taħt il-Kap. 101.

“Salv risposti oħra ulterjuri permessi mil-liġi.”

Rat li b’digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Mejju 2002, l-HSBC Bank Malta p.l.c thalla jinterveni fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Marzu 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu; izda l-ispejjez tal-intervenut fil-kawza jithallsu mill-istess intervenut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi r-rikorrenti qed jitlob ir-rilaxx ta’ vettura li kien xtara wara li din ġiet konfiskata mill-Pulizija in segwiti għal proċeduri kriminali li kienu saru fil-konfront tiegħu. Huwa kien ammetta l-akkużi u ġie kkundannat permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ Jannar, 2001.

“Il-proċeduri odjerni għalhekk qed isiru ai termini tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

"Ir-rikorrent kien xehed fit-8 ta' Novembru, 2001 fejn qal li kien xtara l-vettura fl-1998 billi ħallas depositu ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) u kien iħallas mija u sbatax-il Lira Maltin (Lm117) fix-xahar. Il-karozza damet għandu għaxar (10) xhur u kien għad baqgħalu jħallas ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) ċirka u ftiehem mal-bank (billi l-kambjali ġew iġġirati mill-kumpanija venditriċi tal-karozza) biex iżommuhielu sakemm joħroġ mill-ħabs. Dan jirrizulta ukoll minn numru ta' dokumenti li ġew esebiti. Qal li l-vettura eventwalment inbiegħet lil terzi iżda fil-fatt ma ġarax hekk għaliex aktar tard ippreżenta rikors fejn qal li kien ħallas il-bilanċ u talab li l-vettura ma tibqax fil-garaxx fejn kienet. Dak iż-żmien li xtraha r-rikorrenti huwa kien jaħdem f'dolċerija u kien ilu xi snin jaħdem.

"Ir-rikorrenti kien ammetta mal-pulizija l-involviment tiegħu ma' ħuh fit-traffikar tad-droga u qal li kien jgħinu mingħajr qliegħ għax kien ħuh. Mid-deposizzjoni tas-Supretendent Harrison jirriżulta li l-vettura in kwistjoni ma kienitx tintuża fl-attivita` kriminali.

"Il-liġi msemmija tati fakolta` permezz ta' l-Artikolu 22Ċ lill-*persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 22 3A* biex *tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitt jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza, lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*

"Il-Qorti tirrileva li f'każ bħal dan huwa r-rikorrenti illi għandu jipprova dak li qed jallega u cioe` li l-proprjeta` konfiskata mhux derivanti mill-attivita` kriminali in kwistjoni. Naturalment billi f'dan il-każ ir-rikorrenti hija l-persuna misjuba ħatja, irid jipprova li xtraha minn mezzi independenti mill-attivita` kriminali.

"Il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrenti hija verosimili għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett il-Qorti taqbel ma' l-intimat li l-vettura nxtrat fiż-żmien indikat mill-Prosekuzzjoni fil-kawża kriminali li fih l-akkużat beda jittraffika d-droga u cioe` bejn Lulju 1997 u 1999 – jidher

infatti li ġiet reġistrata f'ismu f'Ġunju 1998 (fol. 54). Oltre dan ir-rikorrenti ma ġab ebda prova tax-xogħol li kien jagħmel dak iż-żmien – lanqas sempliċi dikjarazzjoni tat-taxxa. Għalhekk hu iktar verosimili li l-uniku xogħol li kien jagħmel kien li jgħin lil ħuh u jitħallas għal din l-attivita` kriminali – għax il-Qorti żgur ma temminx li għamel dan sempliċement biex jgħin lil ħuh."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alex Saliba li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi jigu milqugha t-talbiet tieghu, bl-ispejjez kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta tal-appell tal-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' April 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dawn huma proceduri li ttiehdu wara proceduri kriminali li nfethu kontra Aldo Saliba, Alex Saliba u Carmel Saliba, fost ohrajn, fuq importazzjoni, pussess u traffikar tad-droga bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. B'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2001, l-imsemmija tlett persuni nstabu hatja (bhala principal u/jew assocjati) tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u dan wara l-ammissjoni tal-persuni akkuzati. Il-Qorti, apparti li imponiet il-piena li dehrilha kienet meqjusa fic-cirkostanzi tal-kaz ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti fit-terminu tal-Artikolu 22(3A)(c) u (d) tal-istess Kap. 101. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"(3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja jkun xi wiehed mir-reati

msemmija fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 24A il-Qorti ghandha, b’zieda ma’ kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f’kull zmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni,

…………

“(c) bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, taghmel ordni li bih id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) ta’ dan is-sub-artikolu jigu applikati *mutatis mutandis* ghal jew dwar xi bicca tal-bahar jew vettura, f’Malta jew f’xi post barra minn Malta, uzata biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbiegh jew tigi traffikata dik il-medicina; u

“(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f’xi post minn Malta.”

Ir-rikorrenti f’dawn il-proceduri qed titlob li l-ordni ta’ konfiska, in kwantu tolqot oggetti indikati fl-att promotorju, tigi mhassra, u dan fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 22C tal-istess Kap. 101, fis-sens li gej:

“22C. (1) Meta jkun sar ordni ta’ konfiska taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (3A) tal-Artikolu 22 ta’ din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f’dak il-paragrafu, tista’ tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-ghemil ta’ xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn Qorti tal-Gustizzja Kriminali) lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk.

“(2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b’rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tlett xhur mid-

data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva.

“(3) Ir-rikorrent ghandu b’sustenn ghat-talba tieghu, jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista’ jipproduci u ghandu jaghti fir-rikors tieghu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi hsiebu jgib, fejn ighid dwar kull wiehed il-prova li jkun bi hsiebu jaghmel.”

L’oneru tal-prova, dejjem sal-grad ta’ probabilita`, hu mixhut fuq ir-rikorrent li ghandu dmir jipprova li l-oggett minnu indikat ma jkunx rizultat tar-reat li tahtu jkun instab hati l-akkuzat, u dan kif spjegat fl-istess ligi. Mhux daqshekk importanti lil min jappartjeni l-oggett partikolari, izda dak li jrid jigi muri hu li l-oggett bl-ebda mod, la direttament jew indirettament, ma ghandu xi forma ta’ konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta’ dak ir-reat.

Issa, f’dan il-kaz, ir-rikorrent talab li jinghata lura l-vettura Opel Astra numru TDI-700.

L-ewwel Qorti cahdet din it-talbet tar-rikorrenti wara li qieset li ma rnexxilux jipprova li din il-vettura mhux derivanti mill-attivita` kriminali tieghu.

Ir-rikorrent appella mis-sentenza bis-sottomissjoni tieghu tkun li trattandosi tal-fatt li l-karozza mhix wahda lussuza u l-hlas ghaliha ma sarx f’daqqa, dan jindika li l-vettura ma gietx mixtrija mill-qliegh tar-reat.

Ghalkemm jirrizulta li din il-vettura ma intuzatx fit-twettiq tar-reat, ir-rikorrent, biex jirnexxi fit-talba tieghu, jrid juri li hu xtraha mhux minn profitti tar-reat li tieghu nstab hati, altrimenti l-oggett jibqa’ konfiskat a favur il-Gvern fit-termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 imsemmi.

Issa mill-provi jidher li din il-vettura nxtrat mir-rikorrent, jew ahjar giet registrata fuq ismu, fl-1998, u cioe`, fl-epoka li skond is-sentenza tal-Qorti Kriminali, hu kien involut fit-traffikar tad-droga. Ir-rikorrent ma gab ebda prova biex

juri li hu kellu mezzi sufficjenti biex jixtri din il-vettura, ancorche` il-hlas taghha ma sarx f'daqqa.

L-appellant illimita l-prova tieghu billi xehed biss verbalment li huwa ghamel xi zmien jahdem go c*onfectionery* u jghin lil huh fil-*grocer*. Ma ressaq ebda xhieda dokumentarja jew xhieda ohra rilevanti li jissostanzjaw dan. Kif ammetta l-istess appellant in kontro-ezami huwa qal li kien jahdem bla ktieb tax-xoghol u jithallas fi flus kontanti. La jiftakar jekk hallasx kontribuzzjonijiet socjali u wisq inqas jekk kienx ihallas it-taxxa lil Gvern. Meta ppressat biex jizvela kif seta' jgemma' l-flus biex ihallas il-vettura meta, kif xehed hu stess, il-paga li allegatament kien jaqla' ma kienitx gholja, l-appellant qal li finanzjarjament kien jghinu missieru Carmel Saliba. Din ic-cirkostanza tkompli titfa' dubju dwar kemm il-vettura inxtrat minn sorsi "nodfa", meta tqis li missier l-appellant, Carmel Saliba, kien ukoll partecipi b'mod dirett fl-istess reati li taghhom instabu hatja l-ahwa Saliba. Kwindi ma jirrizultax li l-flus li allegattament gemma l-appellant u l-flus li almlegatament silfu missieru, ma kienux gejjin mill-qliegh tal-attivita` ta' droga li kienu jwettqu ma persuni ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kollha mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------